# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022

## Talba numru 84/2021SFJ

***NUTAR PUBBLIKU DOTTOR TIZIANA MARIA REFALO***
***VS.***
***MOSES KIBERU***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mill-attriċi li permezz tiegħu talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha ħamest elef Ewro (€5,000) rappreżentanti taxxi, taxxi addizzjonali, penali, u mgħaxijiet imħallsin minnha għan-nom u fl-interess tal-konvenut lill-*Commissioner for Revenue* sabiex seta' jkun insinwat att ippubblikat mill-attriċi, fuq liema att il-konvenut deher *qua* venditur;

Ra li n-notifika saret skont l-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li ma ġietx ippreżentata Risposta entro t-terminu relattiv;

Ra, iżda, li l-konvenut deher fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2022 u ddikjara li ma riedx ikun assistit minn avukat;

Ra li fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2022, l-attriċi għalqet il-provi;

Ra li fl-udjenza tal-5 ta' April 2022, il-kawża ġiet differita għal probabbli ċessjoni stante li l-konvenut kien qabbad avukat u talab differiment sabiex jirregola ruħu;

Ra li fl-udjenza tas-26 ta' April 2022, il-konvenut xehed u ammetta t-talba iżda talab li l-interessi jkunu kkalkulati mid-data tas-sentenza 'l quddiem, liema talba dwar l-interessi ġiet opposta mill-attriċi;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-24 ta' Mejju 2022.

**Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Meta xehdet l-attriċi, hija rreferiet għal numru ta' dokumenti li qalet li kienu jindikaw ammonti li kellu jħallas il-konvenut lill-*Commissioner for Revenue*. Dawn l-ammonti kienu dovuti mill-konvenut lill-Kummissarju stante li l-konvenut kien biegħ proprjetà. Mingħajr tali ħlasijiet, l-att notarili ma kienx ikun jista' jkun insinwat u kienu jiġu mposti ħlasijiet penali. L-attriċi spjegat li meta hi rat li l-konvenut donnu ma kienx ser iħallas, iddeċidiet li tħallas l-ammonti hija stess sabiex tiffranka aktar penali u sabiex l-att notarili jkun jista' jkun insinwat.

Il-konvenut għamel xi domandi lill-attriċi in kontro-eżami huwa stess. Minn dawn id-domandi huwa evidenti li l-konvenut ma ħax gost li ma kienx infurmat minn qabel li kellu jagħmel dawk il-ħlasijiet. L-attriċi wieġbet li ċerti spejjeż ma kinux prevedibbli għax il-fatt li kellhom jitħallsu tfaċċa fil-mument meta l-att kien ser jiġi insinwat. Għalhekk, ma seta' jkun hemm ebda pre-avviż. In suċċint, hija spjegat li l-*Commissioner for Revenue* ma ppermettix li l-att ikun insinwat minħabba li l-konvenut kellu xi pendenzi magħhom.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut qal taħt ġurament li huwa ma kienx ħallas l-ammont relattiv lill-attriċi.

Fl-udjenza tas-26 ta' April 2022, il-konvenut ammetta t-talba iżda talab li l-interessi jkunu kkalkulati mid-data tas-sentenza.

Fil-fehma tat-Tribunal, huwa ovvju li tali talba ma treġix. Ir-raġuni hija sempliċement li l-ammonti relattivi ma sarux dovuti mid-data ta' din is-sentenza 'l quddiem, iżda ilhom dovuti sa minn qabel infetħet din il-kawża. Konsegwentement, l-interessi huma pagabbli mid-data li fihom l-attriċi għamlet il-ħlasijiet relattivi għan-nom u f'isem il-konvenut.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhud, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tal- attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha l-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000), bl-interessi li għandhom jiġu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mid-data li fihom l-attriċi għamlet il-ħlasijiet relattivi għan-nom u għall-benefiċċju tal-konvenut, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**